# PRATTIKI TAJBIN GĦAL MANIFATTURA TA' ĠEBEL MINN FABBRIKANTI: GĦODOD TAL-MAKKINARJU INTEGRATI BL-ILMA FL-IMPJANT TAL-FABBRIKAZZJONI

Din l-iskeda ta' gwida għall-kompiti tipprovdi gwida dwar prattiki tajbin għall-ipproċessar (eż. qtugħ, immolar u ffurmar) ta' ċangaturi li fihom is-silika kristallina bl-użu ta' magni CNC (tal-Kontroll Numeriku Informatiku) integrati bl-ilma, srieraq manwali u għodod manwali. L-użu ta' dan it-tagħmir inaqqas b'mod sinifikanti l-livell ta' silika kristallina respirabbli.

## AĊĊESS

Irrestrinġi l-aċċess għaż-żona tax-xogħol għal persunal awtorizzat biss.

## ĠENERALI

- Il-qtugħ, l-immolar jew l-illostrar fix-xott ta' uċuħ tal-ġebel (eż. ġebel magħdum, ġebel naturali jew porċellana) jiġġeneraw livelli għoljin ħafna ta' silika kristallina respirabbli. Għodod u makkinarju integrati bl-ilma ddisinjati kif xieraq inaqqsu b'mod sinifikanti l-livell ta' silika kristallina respirabbli u għalhekk għandhom jintużaw għall-proċessi kollha ta' fabbrikazzjoni.
- Huwa rakkomandat ukoll li jintużaw purtieri tal-ilma bħala miżura għat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tat-trab.

## MAGNI CNC

- Il-makkinazzjoni CNC (tal-Kontroll Numeriku Informatiku), hija proċess ta' manifattura li fih softwer tal-kompjuter ipprogrammat minn qabel jiddetta l-moviment tal-għodod u l-makkinarju tal-fabbrika. Dawn il-magni jintużaw għall-qtugħ inizjali awtomatiku taċ-ċangaturi.
- Uża magni CNC bħal magni tal-qtugħ bil-ġett tal-ilma u magni tal-isserrar awtomatizzati.
- Żomm il-bibien tas-sikurezza tas-CNC magħluqin biex tevita t-tixrid tat-trab u biex toħloq distanza bejn l-operatur u s-sors tat-trab.





## GĦODOD MANWALI

Dawn l-għodod jintużaw għall-proċessi tal-fabbrikazzjoni manwali (eż. titqib, qtugħ u llostrar taċ-ċangaturi) wara l-qtugħ inizjali. Meta jaħdem b'għodod manwali, il-fabbrikant ikun viċin ħafna tas-sors tat-trab. Għalhekk:

- Uża biss għodod manwali integrati bl-ilma. Jekk mhuwiex possibbli li tuża għodod integrati bl-ilma fis-sit tal-installazzjoni, segwi l-istruzzjonijiet fl-iskeda ta' gwida għall-kompiti **2.2.36**, Installazzjoni ta' Uċuħ tal-bank.
- Ikkontrolla l-isprej tal-ilma bl-użu ta' protezzjonijiet jew flaps tal-plastik.
- Issettja l-pressjoni tal-arja u tal-ilma biex tikseb l-inqas ġenerazzjoni ta' trab.
- Uża respiratur li jgħatti nofs il-wiċċ b'filtru P3.




## SRIERAQ MANWALI

Anke jekk ikunu mgħammrin bl-integrazzjoni tal-ilma, srieraq manwali użati għall-qtugħ inizjali awtomatiku taċ-ċangaturi (eż. srieraq tal-pont) huma anqas rakkomandati minħabba li:

- l-operatur ikun viċin tas-sors tat-trab.
- ma hemmx bibien tas-sikurezza.
- dawn huma inqas preċiżi u jaħdmu aktar bil-mod minn CNCs.
- l-esponiment tal-ħaddiema għas-silika kristallina respirabbli huwa ġeneralment ogħla milli bis-CNCs.

Meta taħdem bi srieraq manwali dejjem uża respiratur li jgħatti nofs il-wiċċ b'filtru P3.



## EŻAMINAZZJONI U TTESTJAR

- Ivverifika viżwalment it-tagħmir u l-provvista tal-ilma għal sinjali ta' ħsara qabel kull użu.
- Ara li t-tagħmir u l-provvista tal-ilma jaħdmu kif suppost.
- Żomm ir-rekords tal-ispezzjonijiet għal perjodu ta' żmien xieraq li jikkonforma mal-liġijiet nazzjonali (mill-inqas ħames snin).
- Poġġi fis-seħħ miżuri għall-kontroll tar-riskju ta' tkabbir ta' batterji fis-sorsi tal-ilma użati fis-sit, billi tiffoka l-aktar fuq sistemi fejn jiġu ġġenerati qtar tal-ilma.

## SUPERVIŻJONI

- Stabbilixxi sistema biex tivverifika jekk hemmx miżuri ta' kontroll fis-seħħ u li dawn qed jiġu segwiti. Irreferi għall-iskeda ta' gwida għall-kompiti **2.3.3**.
- L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-impjegati jkollhom il-mezzi kollha biex iwettqu l-lista ta' kontroll mogħtija fuq il-paġna li jmiss.

## TINDIF U HOUSEKEEPING

- Naddaf it-tagħmir regolarment skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur.
- Naddaf iċ-ċangaturi, l-art u t-tagħmir (eż. CNCs jew serrieq manwali) b'pajp flessibbli tal-ilma bi pressa baxxa jew knis fl-imxarrab.
- Biddel l-ilma regolarment jekk għandek sistema tal-ilma magħluqa (eż. fl-aħħar tal-ġurnata).
- Naddaf kwalunkwe tixrid xott b'sistemi ta' tindif bil-vacuum HEPA.
- **Tnaddafx bi xkupilja xotta jew bl-użu ta' arja kkompressata.**



## TAĦRIĠ

- Ipprovdi lill-impjegati tiegħek b'informazzjoni dwar l-effetti fuq is-saħħa assoċjati mat-trab tas-silika kristallina respirabbli.
- Ipprovdi lill-impjegati b'taħriġ dwar il-prevenzjoni ta' esponiment għat-trab; l-ivverifikar li l-kontrolli qed jaħdmu u l-użu tagħhom; meta u kif għandu jintuża kwalunkwe tagħmir protettiv respiratorju u x'għandhom jagħmlu jekk xi ħaġa tmur ħażin. Irreferi għall-iskeda ta' gwida għall-kompiti **2.3.4** u parti 1 tal-Gwida għal Prattika Tajba.

## TAGĦMIR PROTETTIV PERSONALI

- Irreferi għall-iskeda ta' gwida għall-kompiti **2.1.15** iddedikata għal tagħmir protettiv u għall-iskeda ta' gwida għall-kompiti **2.2.37** iddedikata għal tagħmir protettiv respiratorju għall-industrija taċ-ċangaturi.
- Għodod rotatorji integrati bl-ilma jiġġeneraw raxx ħafif ta' ilma kontaminat bis-silika kristallina respirabbli, li jista' jinxtered u jittieħed man-nifs. Għal din ir-raġuni, tagħmir protettiv respiratorju jista' jkun meħtieġ anke meta jintużaw għodod integrati bl-ilma.
- Indika ż-żoni fejn it-tagħmir protettiv personali jrid jintlibes.
- Uża maskri li jintremew b'filtri P3 viċin ta' magni CNC li huma konnessi bl-ilma ma' sistema ta' ventilazzjoni tal-egżost, jew respiraturi li jgħattu nofs il-wiċċ b'filtri P3 waqt il-fabbrikazzjoni bi srieraq manwali u għodod manwali mxarrbin fl-impjant tal-fabbrikazzjoni jew fis-sit tal-installazzjoni.
- Għandha titwettaq valutazzjoni tar-riskji sabiex jiġi determinat jekk il-kontrolli eżistenti humiex adegwati. Jekk meħtieġ, għandu jiġi pprovdut tagħmir protettiv respiratorju (bil-fattur ta' protezzjoni xieraq) u dan għandu jintlibes.
- Ipprovdi faċilitajiet tal-ħżin sabiex it-tagħmir protettiv personali jinżamm nadif meta ma jintużax.
- Biddel it-tagħmir protettiv respiratorju fl-intervalli rakkomandati mill-fornitur.

## LISTA TA' KONTROLL TAL-IMPJEGAT

- ☐ Assigura li l-kamra tkun ivventilata sew u li kwalunkwe sistema tal-ilma tkun mixgħula u qed taħdem.
- ☐ Uża makkinarju u għodod integrati bl-ilma biex tnaqqas il-livell ta' silika kristallina respirabbli.
- ☐ Tużax għodod xotti! Il-fabbrikazzjoni fix-xott tiġġenera livelli għoljin ħafna ta' silika kristallina respirabbli.
- ☐ Naddaf kwalunkwe tnixxijiet minnufih. Uża metodi ta' tindif bil-vacuum jew fl-imxarrab. Armi kwalunkwe tixrid minnufih.
- ☐ Fittex għal sinjali ta' ħsara, tkagħbir jew operat ħażin ta' kwalunkwe tagħmir li jintuża.
Jekk issib xi problemi, għid lis-superviżur tiegħek.
- ☐ Jekk taħseb li hemm problema bis-sistema tal-ilma tiegħek, ara li jittieħdu miżuri ta' kontroll addizzjonali biex jitnaqqas l-esponiment għat-trab tas-silika kristallina respirabbli sakemm tippersisti l-problema.
- ☐ Uża, mantni u aħżen kwalunkwe tagħmir protettiv personali pprovdut skont l-istruzzjonijiet.
- ☐ Uża tagħmir protettiv respiratorju xieraq anke meta tuża makkinarju u għodod mxarrbin.
- ☐ Ivverifika u implimenta l-miżuri għall-kontroll tar-riskju ta' tkabbir ta' batterji fis-sorsi tal-ilma użati fis-sit, billi tiffoka l-aktar fuq sistemi fejn jiġu ġġenerati qtar tal-ilma

Din l-iskeda ta' gwida hija mmirata lejn l-impjegaturi biex tgħinhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, permezz tal-kontroll tal-esponiment għas-silika kristallina respirabbli.

L-insegwiment tal-punti ewlenin ta' din l-iskeda ta' gwida għall-kompiti se jgħin inaqqas l-esponiment.

Skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, jista' ma jkunx meħtieġ li jiġu applikati l-miżuri kollha ta' kontroll identifikati f'din l-iskeda sabiex jitnaqqas l-esponiment għas-silika kristallina respirabbli, jiġifieri li jiġu applikati l-miżuri ta' protezzjoni u prevenzjoni xierqa. Dan id-dokument għandu jkun disponibbli wkoll għall-persuni li jistgħu jkunu esposti għas-silika kristallina respirabbli fuq il-post tax-xogħol sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mill-miżuri ta' kontroll li huma implimentati.

Din l-iskeda tifforma parti mill-Gwida għal Prattika Tajba dwar il-prevenzjoni tat-trab tas-silika, li hija mmirata speċifikament lejn il-kontroll tal-esponiment personali għas-silika kristallina respirabbli fuq il-post tax-xogħol.